MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 882/2012

**Maria Dolores Degabriele**

**vs**

**Hilda Galea u zewgha Anthony Galea**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Hilda Galea u zewgha Anthony Galea li ghar-ragunijiet fih imfissra talbu lil din il-Qorti tirrevoka mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom minn Maria Dolores Degabriele u dan sabiex din tikkawtela pretensjoni taghha fil-konfront tal-konjugi Galea.

Rat ir-risposta ta' Carmelo Degabriele u Ernest Degabriele li ghar-ragunijiet moghtija sostnew illi l-Qorti ghandha tichad it-talba tal-konjugi Galea.

Ikkunsidrat illi l-Art. 836 jipprovdi ghar-revoka ta' mandat fis-segwenti cirkostanzi:

*"(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;*

*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

*(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Ghandu jigi enfasizzat illi fi proceduri ta' din ix-xorta l-ezami li jehtieg li jsir minn din il-Qorti huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqqa t'ghajn, b'dana li skrutinju profond u dettaljat tal-mertu tal-vertenza jibqa' perforza rizervat ghal dik il-Qorti li tkun qed tisma' u taqta' l-kawza fil-mertu.

Jirrizulta illi fil-kawza pendenti bejn il-partijiet, it-talba tar-rikorrenti tikkoncerna rifuzjoni ta' ammont ekwivalenti ghal €63,518.97.

Jirrizulta wkoll illi sabiex tigi kawtelata l-pretensjoni tal-atturi fil-kawza, intalab li nhareg ukoll mandat ta' inibizzjoni li permezz tieghu ir-rikorrenti odjerni konjugi gew mizmuma milli jbieghu fond proprjetà taghhom. Dan il-fond gie stmat li jiswa €185,000.

L-intimati fit-twegiba taghhom isostnu li huma gustifikati li jzommu l-mandat fis-sehh l-ewwelnett ghaliex bl-imghaxijiet sal-lum is-somma originali jista' jkun li rdoppjat u ukoll, ghandhom fil-konfront taghhom pretensjoni ulterjuri fl-ammont ta' 12,000 Sterlina. Din il-Qorti tqis li anki jekk kellhom ikunu gustifikati dawn il-pretensjonijiet xorta jibqa' li l-valur tal-fond li qieghed jipprovdi l-kawtela jizboq bil-ferm l-ammont pretiz. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis ghalhekk li, a tenur tal-Art. 836

(1)(f) m'huwiex ragonevoli li jibqa' fis-sehh il-mandat ta' sekwestru.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Hilda Galea u Anthony Galea u tordna li jithassar il-mandat ta' sekwestru 270/2002.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------